MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 144/2011

Kawza fil-lista: 29

**J C**
**vs**
**L X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ Mejju 2008, u f’dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, ossija ta’ wahda mill-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], [d], [f] ta’ l-artikolu 19[1] u l-artikolu 19A tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li hu m'ghandux responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-30 ta' Mejju 2008 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Mejju 2008 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 29 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 7 snin.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici ssostni li l-konvenut ma kienx iffitixha sabiex ikollhom rapporti intimi u fil-fatt qatt ma kkunsmaw iz-zwieg taghhom peress li kull meta kienet taghmel avvanzi fuq zewgha sabiex ikollhom relazzjoni sesswali huwa kien jew jirrifjuta jew inkella ma jasalx sat-tmiem ta' l-att. Inoltre, l-istess attrici tghid li zewgha kien jghaddi hafna zmien jara l-pornografija u jevita li jmur jorqod kmieni sabiex hi tkun diga` raqdet.

Il-partijiet marru anke ghat-terapija ghand il-Psikologu Dr. Charles Azzopardi u xi membri tal-familja ppruvaw ikkellmu lill-konvenut sabiex jghinu izda dan kollu safa ta'

xejn[1]. Illi l-attrici ppruvat taghmel tentattivi sabiex issalva dan iz-zwieg, izda nutilment; u dina s-sitwazzjoni kienet qed taffettwa lilha minhabba it-tghajjier li hija tghid li l-konvenut kien jghidilha dwar l-aspett taghha u kemm ma kienx migbud lejha[2].

Illi l-konvenut jghid li l-attrici kienet possesiva u dominant, li dejjem riedet tghaddi taghha u ma kienetx taccetta opinjoni ta' haddiehor. Il-konvenut isosstni li kienet l-attrici li ma rieditx tkun intima mieghu u li ghalkemm ma kellhomx relazzjonijiet intimi frekwenti, ma kienx minnu li dan iz-zwieg ma kienx gie kkunsmat. Dwar it-terapija li l-partijiet marru ghaliha, il-konvenut jghid li huwa gie mgieghel mill-attrici sabiex jghid li ghandu diffikultajiet sesswali ma' martu, u kien accetta biex jevita l-glied..[3]

Illi permezz ta' rapport il-Psikologu Dr. CharlesAzzopardi kkonferma li l-partijiet kienu marru ghandu ghal sessjonijiet ta' terapija fir-rigward ta' problemi intimi li kellhom, huwa jghid "*L was experiencing the dysfunction only with his wife J. He admitted he could have an erection alone, while watching erotic movies*"[4]. L-istess psikologu kkonferma li "*This had an impact on J who was very frustrated and at times tearful during sessions*" u kkonkluda li "*Clinical attempts at helping L function properly with J failed. The psychological dynamics of the relationship had become too complex and the damage on the relationship irreversible*"[5].

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' att pubbliku tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 25 ta' Novembru 2010.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu

---

[1] Fol. 16 et seq. tal-process affidavits ta' l-attrici, Romeo C, Marthese C, Denise Micallef, Marisa Vella.
[2] Fol. 17 et seq tal-process affidavit ta' l-attrici, fol. 34 tal-process rapport ta' Dr. Charlie Azzopardi.
[3] Fol. 41 tal-process affidavit tal-konvenut.
[4] Fol. 33 tal-process rapport ta' Dr. Charlie Azzopardi.
[5] Fol. 34 tal-process ibid.

precitat, stante li l-konvenut kien inkapaci li jezegwixxi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, senjatament fejn jidhol l-att taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta’ Mejju 2008.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------